# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-7 ta' Lulju 2016

Talba Numru: 688/15NHV

Numru fuq il-Lista: 4

**Awtorità għat-Trasport f'Malta**

**vs.**

**Josef Abdilla**
K.I. 163984 (M)

**It-Tribunal**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-1 ta' Settembru 2015, illi permezz tiegħu l-Awtorita` attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' erba' mija, sebgħa u erbgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€447.87) rappreżentanti:

danni u ħsara kkawżati mill-konvenut fis-27 ta' Ottubru 2013 li waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JOJ 084 ħabat ma' crash barriers fi Triq il-Marsa, il-Marsa.

Illi għal dawn id-danni u ħsara huwa responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-inċident inkwistjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut, ippreżentata fil-21 ta' April 2016, illi permezz tagħha huwa ammetta t-talba attriċi kif dedotta iżda kkontesta il-kap tal-ispejjeż billi eċċepixxa s-segwenti:

1. Illi mingħajr preġudizzju għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, qed issir ammissjoni għas-somma ta' erba' mija, sebgħa u erbgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€447.87).

2. Illi l-esponenti qiegħed jikkontesta l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri stante illi huwa qatt ma ġie nnotifikat b'talba għall-ħlas mingħand is-soċjetà rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-verbal tas-27 ta' Ġunju 2016 illi permezz tiegħu it-Tribunal ħalla l-kawża għas-sentenza għas-seduta odjerna.

Ra illi l-konvenut kien qiegħed jiġi nterpellat għall-ħlas mill-Awtorita` attriċi fl-indirizz 141, Triq Santa Marija, Għaxaq. Illi l-inċident seħħ f'Ottubru 2013 u mir-rapport tal-Pulizija jirriżulta li fid-data tal-inċident l-indirizz tal-imputat kien dana ċċitat. Fil-fatt, fir-Reġistru Elettorali ta' Jannar 2013, il-konvenut kien irreġistrat bħala residenti fl-istess indirizz. Jirriżulta wkoll fl-atti li l-konvenut sussegwentement biegħ il-post u mar jirrisjedi band'oħra. Illi kienet ir-responsabilita` tal-istess konvenut li jinforma lir-Reġistratur Elettorali bil-bdil fir-residenza tiegħu u/jew jitlob *redirection* tal-posta fl-indirizz ġdid tiegħu. L-Awtorita` attriċi ma setgħetx tkun taf bil-bdil fl-indirizz tiegħu u min-naħa tagħha l-interpellazzjoni ntbagħtet u ntbagħat ukoll *reminder*.

Ra illi l-konvenut naqas li jħallas is-sorte minnu dovut minkejja d-diversi differimenti li ngħataw għal dan l-iskop.

Ikkunsidra li l-Awtorita` attriċi m'għandhiex tbati l-ispejjeż li ġiet kostretta tinkorri sabiex titlob dak dovut lilha skont il-liġi.

**Deċide**

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ, billi fuq ammissjoni jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Awtorita` attriċi s-somma ta' erba' mija, sebgħa u erbgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€447.87), bl-imgħax legali jiddekorri mill-1 ta' Settembru 2015, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż jkunu a karigu tal-konvenut.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur